**It-Dsatax-il laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni tal-Imnarja**

**Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju 2015 fis-6:00 p.m**

**Preżenti:**

Edward, Sindku
Eucharist Camilleri, Vici Sindku
Joseph Azzopardi, Agent Segretarju Eżekuttiv

Paul Mercieca
Rita Mifsud Attard
Josef Camilleri
Peter Muscat
Stanley Portelli
Michael Grech
Andrew Muscat
Matthew Xuereb

Skuzati: Dr. Rita Mifsud, Dr. Josianne Cutajar u Michael Camilleri u Sammy Buttigieg

---

**1.** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2.** Il-Kumitat approva l-minuti tal-laqgha li saret fl-14 ta' Mejju 2015

**3.** **Imnarja 2015**

Josef Camilleri ta rendikont dwar l-organizazzjoni tal-wirja agrarja bejn il-21 u t-22 ta' Ġunju 2015. Hu nnota li l-frott u l-haxix ikun fuq l-ixkaffar. Il-palk ser ikun imqiegħed bejn il-frott u wara jkun hemm stands. Ser ikun armati *stands* tal-hobz, affarijiet relatati mas-sajd u mal-crafts. Is-Sindku Edward Said innota li bħala rigal ser ikun hemm *weekend break* ġentilment offru mill-Green Mt. L-esebituri u partecipanti ser jingħataw prodott minghand Abraham Supplies flimkien ma' possibilita li jirbħu rigali oħrajn. Fost dawn ser ikun hemm 10 *vouchers* lil min jesebixxi iktar minn 10 *items*. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri semma l-punt ta' x'isr mill-prodotti wara l-wirja. Is-Sindku Edward Said innota li dawn jinghataw lis-sorijiet u lill-Fondazzjoni ARKA u diġa' huma nfurmati l-esebituri. Ser ikollna stand tal-bizzilla biex fuqha jkun hemm nisa jaħdmu. Is-Sibt filgħaxija ser ikollna *stand* tal-ikel u anki nbid; dan ikun *homemade*. Il-Kunsill taz-Zgħazagħ ser jiehu hsieb l-stand tal-kafe u l-pasti. Is-Sindku Edward Said innota li ġibna kwotazzjoni tajba tal-plattini tal-qsari. Josef Camilleri ser jiġborhom minn Malta. Dwar l-annimali, il-kbar ser ikunu jduru fi Triq Diċembru 13. Irridu navzaw fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar l-għeluq tat-toroq. Dwar entertainment, is-Sibt filgħaxija ser imexxu Benny u Tonia u magħhom ser ikun hemm l-Imnarja Folk Group. Il-Hadd filgħodu ser ikun hemm tal-Fuklar immexxi minn Michel Refalo u l-grupp tac-Ciangura ser ikunu jizfnu; marċ tal-banda mhux ser isir kif diġa miftiehem. Il-Kumitat ra l-poster tal-attivita li ser jiġi pubblikat għal din l-attivita.

Il-Kumitat iddiskuta l-ikla tal-Imnarja tal-25 ta' Gunju. Giet diskussa r-rotta tal-karozzini. Is-Sindku nnota li t-tieġ probabbli mhux ser isir għaliex ma nstabux għarajjes. Il-*Greenfields* ser ikun *comperes* u ser ikun hemm l-*Imnarja Folk Group* u xi kantanti lokali.

Il-Kumitat iddiskuta l-attivita tat-tfal tat-22 ta' Gunju li għaliha gibna xi sponsors mingħand *General Soft Drinks* u Simon Said. *Entertainment s*er ikun f'idejn Annette Portelli li ġabret madwar sagħtejn u nofs talent lokali. Il-*compere* ser tkun Britney Attard. Ser ikun hemm logħob u jekk il-pjazza ikun qed isir ix-xoghol fuqha, norganizzawha hdejn ic-Centru.  Is-Sindku nnota li issa x-xogħol fuq il-wiċċ tal-pjazza għaddej b'ritmu tajjeb u fl-aħħar tliet ġimgħat ix-xogħol mar kif ippjanat. Dan diga fissru waqt laqgha ghall-ghaqdiet nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju.

Ix-xalata ser issir fl-1 ta' Lulju li għandu jieħu ħsiebu il-Kumitat Festi Esterni. Il-Kunsill jiffinanzja is-sistema tal-P.A.u d-dawl pero kellu talba wkoll għas-siġġijiet.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m.

**Edward Said** — **Joseph Azzopardi**
**Sindku** — **Agent Segretarju Ezekuttiv**

Edward Said, Sindku   Joseph Azzopardi, Agent Segretarju Eżekuttiv